MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2011

Numru. 1160/2008

Il-Pulizija
(Sp Anna Marie Micallef)
vs
Mario Pace, iben Anthony, imwieled Santa Venera fit-28 ta’ Mejju, 1953, Karta ta’ l-Identita numru 420053(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli fit-30 ta’ Mejju, 2008 għal ħabta tad-9.20 a.m. quddiem l-għassa ta’ tas-Sliema, fi Triq Rodolfo:
1. volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe’ telefon ċellulari u nuċċali tax-xemx għad-dannu ta’ Reuben Zammit, liema ħsara ma tiskorriex l-€1,164.69;
2. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kkaġuna feriti ta’ natura ħafifa fuq il-persuni ta’ Reuben Zammit u Sharon

Schembri skont kif iċċertifikaw Dr. Giordano M.D. u Dr. A. Fava rispettivament mill-Isptar mater Dei;
3. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament kiser il-kwiet u il-paċi pubblika b'għajjat u ġlied.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi nkluża x-xhieda ta' l-imputat bil-ġurament.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fit-30 ta' Mejju, 2008 Reuben Zammit mar l-għassa ta' tas-Sliema biex jagħmel rapport li ftit qabel mar id-dar biex jara t-tifla tiegħu u kellu xi jgħid ma Sandra Zammit, martu. Il-konjuġi Zammit kienu qed jissesparaw u fil-fatt illum huma separati. Hu mar l-għassa għaliex skont hu martu kienet ser tagħmel rapport li ma jkunx minnu. Fil-fatt waqt li hu kien qed jagħmel dan ir-rapport martu ċemplet l-għassa li hi kienet għada kif kellha argument ma żewġha, Reuben Zammit. Din it-telefonata saret mill-istabbiliment tal-Magic Kiosk u il-pulizija qaltilha biex tibqa' hemm sakemm jiġi s-surgent fuq il-post.
Illi qabel ma saret din it-telefonata minn Sandra Zammit lill-pulizija hi kienet ċemplet lil missierha, l-imputat, u lil ommha Vincenza Pace. L-imputat u martu laħqu marru l-Magic Kiosk u ma baqgħawx hemm hekk jistennew. Huma telgħu l-għassa ta' tas-Sliema biex Sandra Zammit tkun tista' tagħmel ir-rapport kontra żewġha.

Illi meta Reuben Zammit mar sad-dar fejn kienet tirresjedi martu u bintu, kellu miegħu lil Sharon Schembri. Hi marritx ħdedjn id-dar matrimonjali iżda stenniet fil-karozza ta' Reuben Zammit. Meta Reuben Zammit daħal l-għassa biex jagħmel ir-rapport hi baqgħet fil-karozza. Ġara li t-telefon ċellulari ta' Reuben Zammit beda jdoqq. Għalhekk, ħarġet mill-karozza, daħlet l-għassa u tat iċ-

ċellulari lil Reuben Zammit. Kif kienet ħierġa mill-għassa ltaqgħet ma Sandra Zammit, Vincenza Pace u l-imputat.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li seħħaq ġlieda. Sharon Schembri xehdet li ġiet aggredita mill- omm u il-bint u saħansitra l-imputat ta daqqa ġo darha u stordiet. Tant hu hekk li Sharon Schenmbri ġiet meħuda l-isptar b'ambulanza. Ir-ritratti eżebiti juru l-entita' tad-daqqiet li hi qalgħet. It-tobba kklasifikaw dawn il-feriti bħala feriti ta' natura ħafifa.

Illi Reuben Zammit xehed li hu ħareġ fuq l-għatba tal-bini tal-għassa, qala daqqa ta' ponn mingħand l-imputat u konsegwenza ta' dan l-imputat kisser iċ-ċellulari u in-nuċċali ta' Reuben Zammit. Il-ferita ġiet klassifikata bħal ta' natura ħafifa. Iċ-ċelluari li nkiser jiswa' €233.31 u in-nuċċali jiswa' €195.67 għal total ta' €428.98.

Illi mix-xhieda ta' l-imputat jirrizulta li hu ġie aggredit minn Reuben Zammit li qabad jagħtih biċ-ċellulari fuq rasu. Hu waqa' l-isfel u ma weġġgħax lil Reuben Zammit. Hu xehed li hu disabbli għaliex għamel operazzjoni f'dahru u għalhekk hu ma seta' jagħmel xejn.

Illi ix-xhieda ta' Vincenza Pace u Sandra Zammit hi kważi identika fis-sens li Sharon Schembrii, l-ewwel aggredithom verbalment u imbagħad fizikament. Vincenza Pace tgħid ukoll li Reuben Zammit agredixxa lill-imputat biċ-ċellulari.

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti x-xhieda ta' l-imputat, kif ukoll ta' martu Vincenza Pace u bintu Sandra Zammit ma hi xejn kredibbli. Kienu huma li fl-ewwel lok aggredew lil Sharon Schembri u meta ħareġ mill-għassa Reuben Zammit safa aggredit mill-imputat. L-imputat lanqas ipproduċja prova tal-feriti li seta' ġarrab meta allegatament safa aggredit minn Reuben Zammit. Fil-fatt jirrizulta li l-unika persuna li sofriet feriti f'din il-ġlieda kienet Sharon Schembri.

Illi ma hemm ebda dubju lib l-aġir tiegħu l-imputat għamel il-ħsara hawn fuq indikata, ikkawża feriti ta' natura ħafifa

fuq il-persuni ta’ Reuben Zammit u Sharon Schembri u kiser il-kwiet u il-paċi pubblika.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 221(1), 325(1)(b) u 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċeraja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikoilu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sentejn mil-lum. Minbarra dan, rat l-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta u tordna lill-imputat li jħallas is-somma ta’ €428.98 danni lil Reuben Zammit fi żmien sitt xhur mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------